Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 230/2011

**Thea Pisani u Nicole Pisani (appellati)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi (appellant)**

2 ta' Marzu, 2018.

1. B'sentenza tal-15 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddecieda:

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti mil-likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-kont nru IV113439 in segwitu ghad-decizjoni tieghu datata 29 ta' Awissu 2011 rigwardanti t-trasferiment li sehh bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awissu 2009, u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-istess imsemmija likwidazzjoni ta' taxxa".*

2. **<u>Fatti</u>**.

   i. B'kuntratt pubblikat min-nutar Jean Paul Farrugia fis-26 ta' Awissu, 2009, Edwin Pisani ta lill-appellati b'donazzjoni l-fond bin-numru 1, Sqaq numru 5, Triq Siggiewi, Haz-Zebbug. Il-valur dikjarat kien €23,000.
   ii. Il-perit inkarigat mill-appellant ta stima tal-valur tal-fond fl-ammont ta' tnejn u hamsin elf ewro (€52,000).
   iii. L-appellant talab lill-appellati jhallsu €2,009, in kwantu ghal €1,004 .50 taxxa u €1,004 taxxa addizzjonali.
   iv. B'ittra tat-28 ta' Gunju, 2010 saret oggezzjoni ghal-likwidazzjoni.
   v. Fis-27 ta' April, 2011 il-kuntratt gie rexxiss permezz ta' kuntratt pubblikat mill-istess nutar. Fil-kuntratt ma nghatatx ragun ghalfejn saret ir-rexxissjoni. Madankollu mill-provi rrizulta li meta saret id-donazzjoni, Edwin Pisani kien iddona immobbli li b'kuntratt tas-27 ta' Dicembru, 1990 pubblikat min-nutar Joseph Spiteri kien ta b'subenfitewsi perpetwa lill-kumpannija Combined Catering Company Limited.
   vi. Fit-18 ta' Lulju, 2011 Combined Catering Company Limited fdiet is-subcens. Dakinhar stess bieghet il-fond lil Brian Abela ghall-prezz ta' €62,894.
   vii. Fid-29 ta' Awissu, 2011 l-appellant irrifjuta l-oggezzjoni. Fid-decizjoni qal li l-appellati, *"... failed to produce any evidence to show that the*

*value declared in the deed is correct. Under the circumstances, the Commissioner sees no valid reason for discarding the advice obtained by him and confirms his assessment in that respect"*.

3. Ir-ragunament tat-Tribunal kien:

 *"Fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament ippruvat li Edwin Pisani ittrasferixxa favur uliedu b'titolu ta' donazzjoni fond li fiz-zmien ta' trasferiment kien koncess b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa a favur terza persuna, senjatament is-socjeta Combined Catering Company Limited. B'hekk Edwin Pisani kien f'impossibilta' legali li jaghmel tali trasferiment u konsegwentement ghalhekk it-trasferiment kien evidentement null u bla effett fil-Ligi u soggett ghat-thassir. Peress illi Edwin Pisani u r-rikorrenti huma imparentati, ossia huma missier u ulied, il-kwistjoni qatt ma waslet quddiem Qorti ta' kompetenza civili izda huma minn jeddhom u b'mod bonarju ghaddew ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment b'titolu ta' donazzjoni bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 27 ta' April 2011. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li kuntratt kjarament null ma giex hekk dikjarat null u konsegwentement imhassar minn Qorti kompetenti izda gie bonarjament rexiss bejn il-partijiet kontendenti ma ghandux – ghall-finijiet ta' rifuzjoni ta' taxxa imhallsa fuq tali trasferiment ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta – jahdem kontra l-istess partijiet kontraenti ghaliex altriment tinholoq sitwazzjoni potenzjalment diskriminatorja bejn dawk il-partijiet kontraenti li ma jiftehmux b'mox bonarju u jirrikorru ghall-gudizzju tal-Qorti fir-rigward ta' dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt u dawk il-partijiet kontraenti li jaghzlu li jhassru kuntratt hekk null b'mod bonarju.*

 *Ladarba c-cirkostanzi tal-kaz in ezami huma tali li jistghu jwasslu anzi, fil-fehma tat-Tribunal ghandhom iwasslu ghal ezitu favorevoli ghal talba eventwali tar-Rikorrenti ghar-rifuzjoni tat-taxxa u taxxa addizzjonali li jigu imgieghla jhallsu skont il-Likwidazzjoni ta' taxxa meritu ta' dawn il-proceduri, b'rispett lejn il-principji ta' gustizzja u l-ekwita u sabiex jigi evitat dilungar intuli l-pendenzi bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u r-Rikorrenti, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra r-Rikorrenti ghandha ghal din ir-raguni specifika tigi revokata u mhassra"*.

4. B'rikors prezentat fl-4 ta' Novembru, 2015 l-appellant appella mis-sentenza. L-aggravju hu li fil-fehma tieghu t-Tribunal applika b'mod zbaljat l-artikolu 62(1)(b) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta), u agixxa *ultra vires* l-poteri tieghu ghaliex ghazel li jimponi kundizzjonijiet ferm oltre dak li timponi l-ligi.

5. Fid-29 ta' Marzu, 2016 l-appellati pprezentaw twegiba fejn taw ir-raguni ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. Huma argumentaw li t-Tribunal aghrbel sew il-provi li tressqu quddiemu. Ir-rexxissjoni tal-kuntratt ma saritx kapriccozament, u dan ghaliex fid-data tal-kuntratt ta' donazzjoni l-fond kien diga' gie trasferit b'titolu ta' sub-enfitewsi perpetwa lil Combined Catering Company Limited. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma kienx agixxa *ultra vires*.

6. Skont l-artikolu 62(1)(b) tal-Kap. 364, l-appellant jista' jaghti lura t-taxxa meta, *"(b) xi dokument ikun wara gie dikjarat null minn xi qorti kompetenti"*.

Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-appellant ibbaza l-appell fuq 'il fatt li f'dan il-kaz ma kienx hemm dikjarazzjoni ta' qorti kompetenti li l-kuntratt huwa null.

7. F'dan il-kaz mhemmx kontestazzjoni li fil-gurnata meta saret id-donazzjoni lill-appellati, il-kumpannija Combined Catering Company Limited kellha titolu ta' sub-enfitewsi perpetwa. Mill-kuntratt tas-26 ta' Awissu, 2009 hu evidenti li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li Edwin Pisani jittrasferixxi l-proprjeta assoluta tal-fond lill-appellati flimkien mal-pussess u mhux is-sub dirett dominju.

8. Donazzjoni li ssir minn persuna li mhijiex proprjetarja tal-haga, hi nulla. Wiehed irid jiftakar li donazzjoni hi att ta' liberalita li persuna taghmel ta' oggett taghha. L-Artikolu 1741 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> *"(1)* ***Id-donazzjoni ma tistax tkun hlief tal-beni li d-donatur ikollu fiz-zmien tad-donazzjoni.***
>
> ***(2) Jekk fid-donazzjoni jigu mdahhla beni li d-donatur ghad ikollu, id-donazzjoni hija nulla dwar dawn il-beni.***
>
> *(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux ghad-donazzjonijiet imsemmijin fis-Sub-titoli IV u V ta' dan it-Titolu".*

Dan ifisser li l-principju generali hu li **donazzjoni ta' beni futuri hi nulla**, bl-eccezzjoni ta' donazzjonijiet li jsiru b'kontemplazzjoni ta' zwieg jew li bejn l-gharajjes jew ir-ragel u l-mara fil-kitba taz-zwieg jew matul iz-zwieg. Il-kaz in ezami mhuwiex wiehed mill-eccezzjonijiet.

9. L-azzjoni li pproponew l-appellati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mhijiex sabiex jithallsu lura t-taxxa li thallset fuq il-kuntratt tas-26 ta' Awissu 2009. L-appellati pproponew dawn il-proceduri sabiex jimpunjaw il-likwidazzjoni li ghamel l-appellant u li a bazi taghha qieghed jippretendi minghandhom hlas ta' taxxa ta' €1,004.50 u taxxa addizzjonali ta' €1,004.50, fuq il-valur addizzjonali taxxabbli li fil-fehma tal-appellant hu ta' €28,700.

10. Ma jirrizultax li l-appellant qieghed jikkontesta li l-kuntratt tas-26 ta' Awissu, 2009 hu null. Qieghed pero' jsostni li t-Tribunal ma setax japplika l-artikolu 62(1)(b) tal-Kap. 364 ghaliex ma kienx hemm dikjarazzjoni ta' qorti kompetenti li l-kuntratt hu null. Kien l-appellant li quddiem it-Tribunal invoka din id-disposizzjoni.

11. L-artikolu 62(1)(b) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta hu rilevanti fil-kaz ta' rifuzjoni ta' taxxa li **tkun diga' thallset**. Fil-kaz in ezami t-taxxa li diga thallset hi s-somma ta' €815.50 li l-appellati hallsu dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. It-Tribunal stess osserva, li ghalkemm *"...* ***l-fattispeci tal-kaz***

***in ezami ma jaqghux perfettament fl-ambitu ta' dak provdut fl-artikolu 62(1)(b) tal-Kap. 364*** *tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal iqis li minnu jista' jittiehed spunt li jwassal biex it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-Likwidazzjoni ta' taxxa meritu ta' dawn il-proceduri tigi, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz milqugha".*

12. Il-kawza li pproponew l-appellati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma tikkoncernax it-taxxa li diga' thallset, izda t-taxxa zejda li l-appellant impona bis-sahha tad-decizjoni tad-29 ta' Awissu 2011 minhabba li qieghed isostni li fuq l-att saret *under declaration* tal-valur tal-fond trasferit. Hu minnu li jidher li l-appellati ma nfurmawx lill-appellant dwar dawn 'il fatti u kien biss waqt il-proceduri li l-appellant sar jaf bihom. Madankollu l-appellant xorta m'ghandux jedd jippretendi iktar taxxa u taxxa addizzjonali ladarba l-kuntratt hu null. It-taxxa taht il-Kap. 364 ghandha tithallas bhala taxxa ghad-dokument u trasferiment. Pero' f'dan il-kaz il-kuntratt kien null mill-bidunett, ghaliex hi l-ligi stess tipprovdi li ma tistax issir donazzjoni ta' beni li mhumiex proprjeta tad-donant. Dak li hu null ma jipproduci l-ebda effett. Ghaldaqstant, l-appellant ma jistax jippretendi li jithallas iktar taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokument li bih ma sarx trasferiment ta' proprjeta. L-artikolu 32 stess tal-Kap. 364 jipprovdi li t-taxxa tithallas *"…. fuq kull dokument ….. li bihom haga immobbli …… jigi trasferti lil xi persuna…"*. F'dan il-kaz ghalkemm saret il-pubblikazzjoni tal-att pubbliku, **it-trasferiment tal-proprjeta ma sehhx ghaliex fid-data tal-pubblikazzjoni Edwin Pisani ma kellux il-proprjeta tal-fond**. Dan irrispettivament mill-kuntratt l-iehor li gie ppubblikat fis-27 ta' April, 2011. Ikun ghal kollox irregolari li l-appellant jithallas iktar taxxa u sahansitra taxxa addizzjonali ghal trasferiment ta' proprjeta ta' immobbli li **ma sehhx**.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.